MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 199/2009

Kawza fil-lista: 32

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet kienu jikkoabitaw flimkien, u mir-relazzjoni taghhom ghandhom tifla bl-isem E B li twieldet fil-25 ta’ Settembru 1994; li f’ Dicembru 1996 il-konvenuta telqet mid-dar u hadet maghha lit-tifla li dak iz-zmien kellha sentejn; li bis-sahha ta’ zewg sentenzi moghtija bejn l-istess partijiet fis-26 ta’ Gunju 2002 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili [Cit.2084/98RCP] u [Cit.1947/97RCP], il-konvenuta giet fdata bil-kura u kustodja tat-tifla minuri, filwaqt li l-attur gie akkordat access; li l-attur gie ukoll

ordnat sabiex ihallas manteniment ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri fl-ammont ta’ LM80 pagabbli mensilment; li fl-20 ta’ Awissu 2003 il-partijiet iffirmaw skrittura privata dwar il-hlas ta’ somma mill-attur lill-konvenuta bhala manteniment ghall-minuri binthom; li fl-10 ta’ Awissu 2008 l-attur, fuq talba tal-konvenuta, ha t-tifla tghix mieghu, u minn dak in-nhar il-quddiem it-tifla kompliet tghix ma’ l-attur; li t-tifla wriet ix-xewqa li tibqa’ tghix ma’ l-attur, u ma tridx tmur tghix mal-konvenuta; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li din il-Qorti [1][2] tiddikjara li b’ effett mill-10 ta’ Awissu 2008 l-obbligu ta’ l-attur li jhallas lill-konvenuta manteniment ghat-tifla jieqaf, [3] tordna li l-konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma ta’ €2,330 mhallsa mill-attur lill-konvenuta skond l-iskrittura privata fuq indikata, [4] tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenuta lill-attur ghat-tifla minuri, u tordna lill-istess thallas dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-minuri; bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha ssollevat diversi punti ta’ natura procedurali, u wkoll eccepiet li t-talbiet ghandhom jigi michuda peress: li t-tifla ttiehdet mill-missier minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti; u li l-konvenuta mhijiex fil-pozizzjoni finanzjarja li thallas manteniment;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Rat in-nota kongunta prezentata mill-partijiet fl-udjenza tal-15 ta’ Gunju 2010 li biha l-partijiet qabblu fuq diversi aspetti tal-kawza li jirrigwardaw l-meritu taghha, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob in sustanza li l-obbligu tieghu li jhallas lill-konvenuta manteniment ghat-tifla minuri jieqaf, u dan b’ effett mill-10

ta’ Awissu 2008 meta t-tifla bdiet tghix mieghu; kif ukoll sabiex il-konvenut tirrifondilu l-imsemmija somma.

Illi permezz ta’ l-imsemmija nota kongunta l-partijiet wasslu ghal ftehim dwar il-meritu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, limitatament u fit-termini ta’ l-imsemmija nota kongunta li tifforma parti ntegrali mill-gudizzju odjern.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------